# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 363/2016**

Il-Pulizija

vs

**Mohammed Alnaser**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 276413(L)

Illum, 03 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mohammed Alnaser quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fil-4 ta' Mejju 2015, 08:45 ta' filghodu bil-vettura IBT437, gewwa MIKIEL ANTON VASSALLI TRIQ, SAN GILJAN,

(1) Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni (kap 104 Artikolu 3(1)).
(2) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan (Kap 65. Artikolu 15(1)(a), (3)).
(3) naqas li jipproduci l-licenzja tas-sewqan meta gie mitlub jaghmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita fi zmien stipulat mill-Ligi (L.S. 65.17 Artikolu 77).
(4) Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jilbes cintorin tas-sigurta (L.S.65.12 Artikolu 3).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Lulju, 2016 fejn il-Qorti wara lliberatu mill-akkuza numru erbgha (4), sabitu hati tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ €2400.

Il-Qorti ma pprojbitux milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant Mohammed Alnaser minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tvarja is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tal-5 ta' Lulju 2016, billi tikkonfermaha in kwantu l-imputat gie liberat mir-raba akkuza u tikkonfermaha in kwantu instabet htija kif ammessa fit-tieni akkuza, filwaqt li tillibera minn kull htija fl-ewwel u fit-tielet akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju huwa riferibbilment ghal-htija taht l-ewwel akkuza rigwardanti allegat ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104, riferibbilment ghal hrug ta' polza assikurattiva fuq il-vettura minnu uzata fil-hin tal-allegat kontravvenzjoni. Jinghad li dan huwa dokument li kien accessibli dak inhar, u ghadu accessibli illum, izda minhabba l-arrest tal-imputat ma kienx possibli li jgib mieghu dan id-dokument sabiex jurieh lil Qorti.

2. Illi dan in-nuqqas huwa direttament konness mal-fatt li l-mandat t'arrest ma jindikax l-akkuzi li dwarhom l-imputat jkun ser jitressaq il-Qorti, u ghaldaqstant lanqas ma jghati l-fakolta lill-arrestat li jikkomunika ma haddiehor (jew mal-avukat ta' fiducja tieghu) li jkun jista’ jigbor u jwassal il-provi dokumentarji l-Qorti, billi ma kien hemm ebda hjiel ta' dak li seta kienu l-akkuzi.

3. Illi jinghad ukoll ghall-kjarezza li l-imputat kellu jsiefer minhabba l-mewt ta' huh fis-Sirja u kien ghalhekk li naqqas li jidher quddiem il-Qorti b'mod li hareg dan il-mandat. Sitwazzjoni li setghet b'naqra ghaqal giet evitata, izda wiehed irid jifhem l-istat ta' animu li jwasslek biex titlaq kollox u tmur fejn il-familjari b'urgenza biex taqsam niket il-firda. U hemm kellu joqghod bosta xhur.

4. Illi t-tieni aggravju li qieghed jinghata huwa li ma jista qatt jirrizulta htija kif kontemplata fit-tielet akkuza, galadarba ma hemmx licenzja, ma hemmx dokument x'jigi prodott, u ghaldaqstant it-talba tal-Pulizija hija wahda li tirravisa fl-impossibilitia nemo tenitur u ma tistax tinstab htija dwarha.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena nflitta hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kat, l-fatt li ghandu fedina netta u li tali fatturi ma jimmeritawx piena ghola mill-minimum taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din is-sentenza hija wahda limitata ghall-ewwel aggravju intentat mill-appellant fejn jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma hallietux jipproduci c-certifikat ta'l-assikurazzjoni bhala prova essenzjali marbuta mal-ewwel imputazzjoni li taghha instab hati. L-appellant ghalhekk qieghed jitlob sabiex jipprezenta din il-prova issa fi stadju ta' revizjoni.

Issa minn ezami tal-*iter* processwali ghandu johrog illi l-appellant gie innotifikat bic-citazzjoni fit-30 ta' Gunju 2015. Illi l-ewwel smiegh tal-kawza sehh imbaghad fl-14 ta' Lulju 2015 meta l-appellant deher sprovvist mill-avukat tieghu billi dan kien imsiefer u ghalhekk fuq talba tieghu stess il-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 2015. Jidher mir-rikors ipprezentat mill-appellant fit-08 ta' Ottubru 2015 illi huwa siefer lejn is-Sirja u ghalhekk rega gie mitlub differiment iehor. L-appellant rega ma deherx ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 meta giet esebieta riferta negattiva tieghu. Huwa izda gie notifikata ghas-seduta sussegwenti tal-01 ta' Marzu 2016 meta madanakollu ma deherx u allura l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tieghu ghas-seduta ta' wara skedata ghat-12 ta' April 2016. Minn dak dikjarat minn PC1081 f'din is-seduta irrizulta illi l-appellant rega' siefer lejn is-Sirja u ghalhekk il-mandat ta' arrest ma setax jigi ezegwiet u allura baqa' il-mandat *in vigore* ghas-seduta tal-05 ta' Lulju 2016 meta l-appellant finalment deher taht arrest. F'din is-seduta beda is-smiegh tal-kawza u instemghu x-xhieda, saret trattazzjoni u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Ma jidhirx illi f'din is-seduta l-appellant talab biex jixhed jew biex jipprezenta xi dokument marbut mal-polza

tal-assikurazzjoni kif mistqarr minnu fir-rikors tal-appell. Illi allura mill-verbal tas-seduta tal-05 ta' Lulju 2016 ma tirrizulta l-ebda talba mill-appellant sabiex huwa jinghata l-opportunita jezebixxi d-dokument tal-assikurazzjoni u dan ghaliex ma kellux il-hin jipprokurah billi gie migjub il-qorti taht arrest jew inkella ghaliex ma kienx jaf in-natura tal-akkuzi migjuba kontra tieghu kif jallega.

Illi l-Qorti tistqarr illi dan huwa tentattiv fjakk minn naha tal-appellant sabiex jipprova iressaq provi li huwa naqas milli jipproduci meta kellu l-opportunita jaghmel dan. Kif jirrizulta mill-*iter* processwalil l-appellant gie nnotifikat 'il fuq minn sena qabel is-smiegh tal-kaz bl-akkuzi kif migjuba kontra tieghu. Mhux biss izda sahansitra talab diversi differimenti billi kellu imur is-Sirja hdejn il-familja tieghu. L-appellant kien jaf ben tajjeb x'kienu n-natura tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kellu kull opportunita jipproduci kwalsiasi prova li dehrlu li kien mehtieg ghad-difiza tieghu, haga li naqas milli jaghmel. Illi *di piu* anke jekk *gratia argomenti* huwa deher ghas-smiegh tal-kawza fis-16 ta' Lulju 2016 taht arrest u allura ma kellux zmien jipprepara d-dokumenti li kellu bzonn, madanakollu lanqas jidher illi talab lill-Qorti taghtih opportunita li jaghmel dan. Mhux biss izda mill-affidavit ta' PC1210 Steve Farrugia, sahansitra qabel ma gewipprezentati l-akkuzi fil-konfront tieghu, l-pulizija tatu l-opportunita' ghal iktar minn darba sabiex jipprezentalhom id-dokumenti mehtiega biex jigi ezentat mir-responsabbilta kriminali ghal sewqan minghajr licenjza u minghajr assikurazzjoni, izda jidher illi dan baqa' ma ghamlux. Ighid hekk PC1210 Farrugia:

> **"Ghandi nghid ukoll li Alnaser tajtu cans biex fi zmien 48 siegha igibli l-licenzja tas-sewqan Sirjana, fejn dan baqa' ma ghamlux. Ghandi nghid ukoll li gie ikkuntattjat diversi drabi, imma Alnaser baqa' ma giex gewwa l-garaxx tal-Pulizija. Ghalhekk jien hrigt l-akkuzi ...."**

Dan iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi l-appellant inghata kull opportunita li iressaq il-kaz tieghu quddiem il-qorti u li jiddefendi lilu innifsu u allura ma jistax issa fi stadju ta' revizjoni jitlob li jressaq provi godda. Illi l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi:

> **Quddiem il-qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief -**
> **(a) jekk jiġi ippruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-qorti inferjuri;**

**(b) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova.**

Illi l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ravvizati f'dina id-disposizzjoni tal-ligi ma tapplika ghal kaz in dizamina u kwindi l-ewwel aggravju intentat mill-appellant ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant u tordna il-prosegwiment tas-smiegh tal-appell fuq l-aggravji l-ohra.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur